L-Uffiċċju tas-Segretarju tal-Kumpanija
Malta International Airport plc
Luqa LQA 4000, Malta

# Malta International Airport plc

**It-30 Laqgħa Ġenerali Annwali**

**Avviż lill-azzjonisti skont Regola 12.4 tal-*Capital Markets Rules***

Bil-preżenti qed jingħata avviż tat-30 Laqgħa Ġenerali Annwali ta' Malta International Airport plc, li ser issir b'mod virtwali nhar l-Erbgħa 11 ta' Mejju 2022 fl-10.30 ta' filgħodu, bl-iskop li jiġu kkunsidrati u, jekk jinħass li jkun sewwa, sabiex jgħaddu r-riżoluzzjonijiet li ġejjin.

***Negozju Ordinarju***

## Ħatra ta' Diretturi

Iż-żmien tal-kariga tad-diretturi maħtura skont l-Artikolu 55.1.2 tal-Artikoli ta' Assoċjazzjoni tal-Kumpanija, u li bħalissa għadhom jinsabu f'din il-kariga, ser jintemm fil-Laqgħa Ġenerali Annwali li jmiss. Skont ir-rekwiżiti tal-Artikoli ta' Assoċjazzjoni, il-Kumpaniija kienet ħarġet avviżi għan-nomina ta' persuni biex jinħatru bħala diretturi. Il-Kumpanija rċeviet żewġ (2) nomini validi għall-ħatra ta' diretturi skont l-Artikolu 55.1.2.

Għalhekk:

a. Skont il-provvedimenti tal-Artikolu 56.4.2, mhux ser issir elezzjoni u dawn iż-żewġ nominati flimkien mal-appuntati skont l-Artikolu 55.1.1 għandhom jidħlu għall-kariga ta' diretturi; u
b. L-ebda riżoluzzjoni mhi meħtieġa f'din il-laqgħa għaliex id-diretturi huma maħtura skont l-Artikoli ta' Assoċjazzjoni.

## Riżoluzzjoni 1

1. Illi d-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-Kumpanija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2021 u r-rapporti tad-diretturi u l-awdituri fuq dawn id-dikjarazzjonijiet finanzjarji, kif stipulati fir-Rapport Annwali, jiġu għaldaqstant hawnhekk approvati.

## Riżoluzzjoni 2 – Vot Konsultattiv[1]

2. Ir-Rapport tar-Rimunerazzjoni li jifforma parti mir-Rapport Annwali jkun approvat.

## Riżoluzzjoni 3 – *Negozju Speċjali*

3. Illi l-ħatra ta' PricewaterhouseCoopers bħala awdituri tal-Kumpanija tiġi approvata u illi d-diretturi jiġu awtorizzati li jiddeterminaw ir-rimunerazzjoni tagħhom.

B'ordni tal-Bord
22 ta' Frar 2022

**Louis de Gabriele**
Segretarju tal-Kumpanija

1 Vot konsultattiv mhuwiex vot li jorbot iżda huwa biss vot li permezz tiegħu l-azzjonisti jesprimu l-opinjoni ġenerali tagħhom dwar dan ir-rapport.

**NOTA:**

Filwaqt li l-laqgħa ser issir b'mod virtwali skont id-dispożizzjonijiet tal-Avviz Legali 288 tal-2020, il-Kumpanija ser tipprovdi faċilitajiet lil dawk l-azzjonisti li jixtiequ jsegwu l-proċedimenti tal-laqgħa b'mod fiżiku. Dan ser isir fid-Dolmen Hotel, il-Qawra. Huwa għalhekk maħsub illi l-azzjonisti li ser jattendu fiżikament ikunu jistgħu jistaqsu mistoqsijiet mis-sala. **Però, għandu jiġi nnutat li l-votazzjonijiet u l-attendenza formali fil-laqgħa ser ikunu dawk applikabbli f'każ ta' laqgħa virtwali.**

Fi kwalunkwe każ, il-preżenza fiżika fis-sala ser tkun soġġetta għar-regoli applikabbli maħruġin mill-Awtoritajiet tas-Saħħa Pubblika fid-data ta' meta dan l-avviż ġie stampat[2]. Għalhekk ser ikun hemm restrizzjonijiet fir-rigward tan-numru ta' azzjonisti li ser ikunu jistgħu jattendu l-laqgħa fiżikament. Kull min jixtieq jattendi l-laqgħa fiżikament huwa mitlub li jirreġistra biex iżomm post fis-sala, u biex jagħmel hekk sa mhux aktar tard min-nhar il-Ġimgħa 6 ta' Mejju 2022, f'nofsinhar (12:00), u dan tramite l-portal www.maltairport.com/agm. Ir-reġistrazzjoni ser issir b'mod illi min japplika l-ewwel jingħata preferenza biex jattendi u r-reġistrazzjoni tagħlaq appena jintlaħaq in-numru massimu ta' postijiet disponibbli fis-sala. **Persuna waħda biss, fl-isem irreġistrat ser tkun permessa li tidħol fis-sala u ssegwi l-laqgħa fiżikament u mhux ser jitħallew persuni oħra jakkumpanjaw l-azzjonisti rreġistrati, jekk tali persuni ma jkunux ukoll ġew irreġistrati.** F'kull mument waqt il-laqgħa għandhom jintlibsu l-maskri bħala prekawzjoni.

Dawk l-azzjonisti li jixtiequ jkunu preżenti fiżikament biex isegwu l-laqgħa mis-sala mhux ser ikunu meqjusa għal finijiet ta' quorum u mhux ser jitħallew jivvutaw personalment mis-sala, u dan biex jiġu rrispettati r-regoli applikabbli għal-laqgħat virtwali f'konformità mal-Att dwar il-Kumpaniji (Public Companies - Annual General Meeting) Regolamenti, 2020 (AL 288 tal-2020).

**INFORMAZZJONI IMPORTANTI**

**Il-Laqgħa Ġenerali Annwali ta' din is-sena ser issir b'mod virtwali, minħabba r-riskji tas-saħħa preżenti li huma assoċjati mal-pandemija tal-COVID-19. Il-Laqgħa Ġenerali Annwali ta' din is-sena ser issir skont id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Att dwar il-Kumpaniji (Public Companies - Annual General Meeting) Regolamenti, 2020 (AL 288 tal-2020)**

## A. Data tar-Records

Dan l-avviż intbagħat bil-posta lill-azzjonisti kif irreġistrati sat-Tnejn 11 ta' April 2022. Huma dawn l-azzjonisti biss li huma intitolati li jattendu u jivvutaw fil-Laqgħa Ġenerali Annwali.

## B. Parteċipazzjoni u Votazzjoni tal-Azzjonisti

Kull azzjonist jista' jipparteċipa u jivvota fil-laqgħa billi jissottometti formola ta' prokura fejn ikun qed jinnomina liċ-Chairman bħala prokuratur u jindika l-'voting preferences' tal-membru.

Il-membru jista' jipparteċipa permezz tal-formola ta' prokura billi jimla u jiffirma l-prokura li ġiet mibgħuta lil kull membru flimkien ma' dan l-avviż u mbagħad jibgħat l-istess lill-Uffiċċju tas-Segretarju tal-Kumpanija mill-inqas 48 siegħa qabel ma tibda l-laqgħa.

Il-formola ta' prokura tista' tintbagħat lill-Kumpanija:

a. bil-posta bill tuża l-envelop li jinsab f'dan il-pakkett; jew
b. b'mod elettroniku fl-indirizz elettroniku agm@maltairport.com.

Fil-każ ta' prokuri mibgħutin b'mod elettroniku fuq l-indirizz indikat hawn fuq, il-posta elettronika għandu jkollha annessa magħha kopja tal-formola ta' prokura kompluta u ffirmata mill-azzjonist jew persuna hekk awtorizzata għan-nom ta' azzjonist li jkun korp ġuridiku/istituzzjonalizzat.

## C. Mili tal-Formola ta' Prokura

Azzjonist li jixtieq jipparteċipa fil-laqgħa bi prokura għandu jimla d-dettalji kollha mitlubin fil-formola ta' prokura b'mod komplut, ċar u preċiż. Dan jinkludi:

a. Billi l-azzjonist jindika jekk jixtieqx li l-prokuratur jivvota kif jixtieq hu stess jew jekk jixtieqx li jistruwixxi lill-prokuratur kif għandu jivvota. F'kull każ, l-azzjonist għandu jagħmel marka fil-kaxxa apposta fil-formola ta' prokura. Fil-każ li ma jkun hemm l-ebda indikazzjoni, għandu jitqies li l-azzjonist awtorizza lill-prokuratur li jivvota kif jixtieq hu, sakemm l-azzjonist ma jindikax kif jixtieq li l-ishma miżmuma minnu għandhom jiġu vvutati billi jimmarka n-numru tal-ishma jew jagħmel xi marka oħra adattata maġenb ir-riżoluzzjonijiet relevanti. F'dan il-każ, il-prokuratur għandu jitqies li hu awtorizzat li jivvota biss kif indikat mill-azzjonist fil-formola ta' prokura.

b. Fil-każ li l-azzjonist jixtieq li ċ-Chairman jivvota b'mod partikolari, huwa għandu jindika l-votazzjoni tiegħu fil-kaxxa apposta maġenb kull riżoluzzjoni. L-użu ta' salib (x) jew marka (✓) (minflok it-tqegħid tan-numru tal-voti) fl-ispazju adattat fil-formola ta' prokura taħt 'FAVUR' jew 'KONTRA', fir-rigward ta' dik ir-riżoluzzjoni, skont il-każ. Jekk jitqiegħdu kemm salib (x) u kemm marka (✓) għal 'FAVUR' u 'KONTRA' għall-istess riżoluzzjoni, il-vot ta' dak il-membru għal dik ir-riżoluzzjoni partikolari jkun invalidu. Kull riżoluzzjoni li titħalla mingħajr marka fuq il-karta tal-vot għandha titqies bħala astensjoni.

## D. Abbozz ta' Riżoluzzjonijiet u Dokumenti

L-abbozz ta' riżoluzzjonijiet li għandhom jiġu kkunsidrati u jittieħed vot dwarhom huma inklużi bħala parti integrali minn dan l-avviż. It-test oriġinali u komplet tad-dokumenti sottomessi fil-laqgħa, sakemm ma jkunux ingħataw lill-azzjonisti, ikunu aċċessibbli fl-uffiċċju reġistrat tal-Kumpanija u fuq www.maltairport.com/agm.

Kopja ta' dan l-avviż flimkien mad-dokumenti kollha u l-informazzjoni rikjesta fil-*Capital Markets Rule* 12.11 huma aċċessibbli fuq **www.maltairport.com.**

## E. Ammissjoni fil-Laqgħa

Il-laqgħa għandha tkun imxandra 'live' u l-azzjonisti għandhom isegwu l-proċeduri tal-laqgħa b'dan il-mezz ta' xandir billi jillogjaw fuq is-sit: **www.maltairport.com/agm**. Il-membri jistgħu jsegwu l-proċeduri biss u ma jistgħu jagħmlu l-ebda interazzjoni mal-laqgħa. Jekk xi membru jixtieq isaqsi xi domandi huwa meħtieġ illi jsegwi l-proċess li hemm spjegat f'paragrafu G.

## F. Is-segwenti japplika biss fil-każ ta' elezzjoni tad-diretturi:

Jekk elezzjoni sseħħ b'votazzjoni b'poll, in-numru totali ta' voti jista' jiġi applikat għal kull waħda mir-riżoluzzjonijiet.

In-numru ta' voti miżmumin jistgħu jinqasmu fi kwalunkwe proporzjon kemm favur u kemm kontra kull riżoluzzjoni jew astensjoni. Sabiex issir enfasi, azzjonist jista', jekk dan l-istess azzjonist jiddeċiedi li jivvota, jutilizza l-voti kollha jew parti minnhom, għal kull riżoluzzjoni fi kwalunkwe manjiera li l-azzjonist jixtieq. Fl-ebda każ, però, azzjonist ma jista' juża iktar voti milli hu intitolat għalihom. F'dak il-każ, il-vot tal-azzjonist f'dik ir-riżoluzzjoni partikolari jkun invalidu.

Azzjonist jista' juża parti mill-voti biex jivvota 'FAVUR' riżoluzzjoni partikolari u juża l-bqija tal-voti (jew parti minnhom) sabiex jivvota 'KONTRA' jew 'JASTJENI' fir-rigward tal-istess riżoluzzjoni. Dan il-vot jibqa' validu sakemm l-azzjonist ma jaqbiżx in-numru totali ta' voti li l-azzjonist huwa intitolat għalihom.

## G. Dritt għal Mistoqsijiet

L-azzjonisti huma mfakkra li huma intitolati jagħmlu domandi li huma pertinenti u relatati ma' kull oġġett fl-Aġenda tal-Laqgħa, u li jkollhom dawn id-domandi mweġbin mid-diretturi jew il-persuni li d-diretturi jistgħu jiddelegaw għal dak il-għan. Skont id-dispożizzjonijiet relevanti fl-Att dwar il-Kumpaniji (Public Companies – Annual General Meeting) Regolamenti, 2020 (AL 288 tal-2020), id-diretturi jistiednu l-membri sabiex jissottomettu bil-miktub domandi li jirrelataw mar-riżoluzzjonijiet biss u dawn għandhom jintbagħtu lis-Segretarju tal-Kumpanija, bil-posta **"The Company Secretary, Malta International Airport plc, Luqa LQA 4000"** jew bil-posta elettronika fuq **agm@maltairport.com** sa mhux iktar tard **mid-9 ta' Mejju 2022, fl-10.30am.** Ir-risposti għal dawk id-domandi li huma pertinenti għar-riżoluzzjonijiet ser jiġu mtellgħin fuq is-sit elettroniku tal-Kumpanija (www.maltairport.com) fi żmien 48 siegħa minn meta l-laqgħa tiġi magħluqa. Il-Kumpanija tirriżerva d-dritt li taggrega d-domandi li huma simili u tirrispondihom b'risposta waħda.

## H. Kif tista' Ssegwi l-Proċeduri tal-Laqgħa

Il-Kumpanija ppjanat biex il-membri jkunu jistgħu jsegwu l-proċeduri tal-laqgħa b'mod virtwali billi jillogjaw fuq **www.maltairport.com/agm**.

L-istruzzjonijiet biex tillogjaw fis-sistema jinsabu fid-dokument mibgħut f'dan il-pakkett.

**Il-membri għandhom ikunu jafu li dawn il-faċilitajiet jippermettu lill-membri jsegwu l-laqgħa u jsegwu x'inhu jingħad fil-laqgħa, iżda ma jippermettux komunikazzjoni mal-laqgħa.**

**F'każ ta' ħtieġa ta' interpretazzjoni ta' dawn il-kundizzjonijiet, il-verżjoni bl-Ingliż hija dik uffiċjali.**